TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 194/10

**Alfred Camilleri**

**vs**

**Joseph Pitrè Ltd.**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsa w sebgħin ewro (€275), rappreżentanti seba' pumi tal-bibien li wara sitt xhur dawn ikkorrowdjaw.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa kien xtara seba' pumi tal-bibien mingħand is-soċjeta' intimata u wara sitt xhur dawn ikkorrowdjaw.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal eżamina u spezzjona dawn il-pumi u jinnota illi r-rikorrenti għandu raġun.

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, m'attendietx għas-seduta, minkejja li ssottomettiet risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u tletin ewro (€230), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888